# Il-21 edizzjoni ta' Ġieħ iż-Żejtun

Il-Kunsill Lokali taż-Żejtun għal darb' oħra se jerġa' jkun qed jonora lil ċittadin ieħor mill-komunità tagħna li qed jaħdem b'risq iż-Żejtun u ż-Żwieten, u anki fuq livell nazzjonali u internazzjonali. Persuna li bil-ħidma tagħha għamlet ġid u/jew isem, bl-ebda interessi personali, liż-Żejtun u/jew liż-Żwieten.

Mis-sena 'l oħra Ġieħ iż-Żejtun beda jingħata wkoll liż-Żwieten li għadhom jaħdmu/ħadmu għall-ġid komuni iżda ma għadhomx joqgħodu ż-Żejtun. Kif ukoll se jkun jista' jibda jingħata lill-persuni mhux miż-Żejtun iżda qed tagħmel u/jew għamlet sa mhux anqas minn għaxar (10) snin f'ħidma fiż-Żejtun jew/u għal ġieħ taż-Żejtun u ż-Żwieten.

Din is-sena twaqqfet Kummissjoni magħmula minn ħames Żwieten biex ikunu jistgħu jissaħħu r-regoli ta' kif jingħata Ġieħ iż-Żejtun.

Ġieħ iż-Żejtun din is-sena se jkun qed jingħata fid-19 ta' Marzu.

**N.B.** It-termini u r-regoli ta' Ġieħ iż-Żejtun 2017 jinsabu fit-tieni paġna ta' din il-formola.

---

**Ġieħ iż-Żejtun ma jistax jingħata lill-membri li diġà ngħataw dan il-Ġieħ fi snin imgħoddija.**

Iż-Żwieten onorati b'Ġieħ iż-Żejtun huma:

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1997** | Sa. Carmela Tabone | **2007** | Patri Edgar Busuttil S.J. |
| **1998** | Dama Frances Grima | **2008** | Sur Angelo Żahra |
| **1999** | Sa. Francesca Abela | **2009** | Sa. Doris Brincat |
| **2000** | Kanonku Dun Joe Abela | **2010** | Sur Joe Baldacchino |
| **2001** | Sa. Rose Caruana | **2011** | Kaptan Joe Desira |
| **2002** | Sur Ramiro Scicluna | **2012** | Sur Lino Psaila |
| **2003** | Sur Walter Żahra | **2013** | Sur Joseph Vella |
| **2004** | Sa. Theresa Camilleri | **2014** | Sur Carmelo Delia |
| **2005** | Sur Benedetto Magro | **2015** | Patri Vincent Magri S.J. |
| **2006** | Maġġur Anthony Abela | **2016** | Sur Brian Craus |

**Termini u Regoli għall-Għoti ta' Ġieħ iż-Żejtun 2017 mill-Kunsill Lokali taż-Żejtun:**

- Jingħata lil persuna waħda:
- ✓ Li tkun wettqet/għadha twettaq qadi ta' dmirijiet ordinarji b'onestà u effiċjenza,
- ✓ Li uriet/turi impenn serju f'xi ħidma volontarja, filantropika, kulturali, u soċjali,
- ✓ Li ħadmet/taħdem ħidma kontinwa fis-sempliċità fost problemi tal-ħajja,
- ✓ Li ħadmet/taħdem ħidma ddedikata u diżinteressata b'risq il-ġid komuni taż-Żejtun u tal-poplu Żejtuni, kif ukoll fuq livell nazzjonali u internazzjonali.
- ✓ Li hi miż-Żejtun u mhux bilfors toqgħod iż-Żejtun, iżda qed tagħmel jew għamlet ħidma b'risq iż-Żejtun u/jew iż-Żwieten.
- ✓ Li hi persuna mhux miż-Żejtun, iżda għamlet sa mhux anqas minn għaxar (10) snin f'ħidma fiż-Żejtun jew/u għal ġieħ taż-Żejtun u ż-Żwieten.
- ✓ Li tkun proposta minn għaxar persuni residenti ż-Żejtun.
- Persuna mejta ma tikkwalifikax,
- Kull proposta għandha tinkludi r-raġunijiet għaliex il-persuna qed tiġi nnominata u għandu jkollha informazzjoni dwar il-ħajja tal-persuni li huma relevanti u ta' importanza li għandhom jiġu kkunsidrati.

Aħna hawn taħt iffirmati nipproponu lil ________________________________ li joqgħod/toqgħod ________________________________________________________
(Nru. tal-Identità: _______________) bħala l-persuna li jistħoqqilha 'Ġieħ iż-Żejtun'.

| | Isem u Kunjom | Nru. Identità | Indirizz | Firma |
|---|---|---|---|---|
| 01. | | | | |
| 02. | | | | |
| 03. | | | | |
| 04. | | | | |
| 05. | | | | |
| 06. | | | | |
| 07. | | | | |
| 08. | | | | |
| 09. | | | | |
| 10. | | | | |

Din il-formola trid tasal il-Kunsill Lokali sa nhar it-Tnejn, 6 ta' Marzu, 2017. Magħluqa f'envelop: 'Ġieħ iż-Żejtun', il-Kunsill Lokali taż-Żejtun, 28, Triq Sant' Anġlu, iż-Żejtun.